# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra. - Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-23 TA SETTEMBRU, 1913. NRU. 83.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Id-"Dante Alighieri."

Chien jagħmel aħjar is-Sur Manŭel Borġ P.P. chiecu ma chitbilniex din l'ittra li sejjrin ingibu, għax *caŭża ħażina* actar ma trid tiddefendina, actar tgħarrakha: imma la darba jidhirlu li, *biex ŭieħed icun jista' jifħem seŭŭa, irid jisma' iż-żeŭġ kniepen; u li xi darba il* HABIB *għandu iħalliħ jicteb favur, mhux dejjem contra id*-DANTE; aħna irridu nuruħ chemm aħna tas-seŭ *ġurnalisti indipendenti*, bħalma chien għoġbu isejjħilna f'ittra oħra tiegħu.

Biss nitolbuħ jippermettilna nagħmlulu xi osservazzjoni ċchejcna fuk l'ittra tiegħu; u fuk collox, billi din, bħalma għedna drabijet oħra, m'hix qŭistjoni li tista' togħġob lil ħafna mil Karrejja tagħna, nitolbuħ li, ŭara din il môta taż-żeŭġ kniepen, ma ndokkux iżjed, la hu u la aħna, fuk id-*Dante*.

Valletta 17 Settem: 1913

Mgħaruf Sur

Giusè Muscat Azzopardi P.L.

Fil *Habib* ta din il Gimgha krait l' articolu li jismu "Id-Dante Alighieri" li fieħ deherlec is-semmini fuk dac li allura cont chtibtlec jen phala imsieheb fis-Soc. *Dante Alighieri*, ta Malta. Ma contx behsiebni nargia nithaddet fuk din il custioni, imma già la darba ghoġboc targia tfaccarni billi iggib ismi fil giurnal tighec, fimt tajjeb li noħrog, għal zeug ragiunijet. Leuuel nett biex nizzuhajr lilec tat-tifhir li mort tghamilli, tifhir li xein ma chien jisthokkli; ittieni biex inghidlec, sur Direttur, illi dac collu li s'issa deher fli stampa contra id-*Dante Alighieri* xein ma igiaghalni nitlak minnha, anzi minhiex behsiebni n'accetta cull ma intkal fuka. (1) Is-Società ghanda ghedeuua cbar u daun taht il mant tar-religion keghdin jaħdmu biex jekirdugha min fostna. (2) Imma chem huma bghid daun it-talin fil hsibijet tahhom. Id-*Dante Alighieri* hia uisk superiuri ghal l'attacchi tahhom u tinsab sostenuta min-nies li hatt ma jista ighid akkal isimom, billi daun katt ma stahbeu u id-defendeuha dejjem fid-diher. (3)

L'imsiehbin fid-*Dante* huma cattolici colla: (4) b'dan collu ghad li intkal fuka min collox, saħansidra sefsu li tip-professa (5) idejet massonici, mhumiex behsiebom jonksu mid-dmirijet tahhom versu lejha. F'din is-Società huma ma jaraux hag'ohra hlief: *Tutela continua ta l'unicu monument tac-Civiltà taghna li bakghalna, cioè*: "IL LINGUA TALIANA; (6) ghalec dan biss hu li scop tahha, xein ictar.

Ir-Religion, jifimha cullhatt, ma ghandiex tithol, ghax din fit-tuissijet tas-Società mhix imsemmia bl'ebda mod (7); u collu inutili li jokghodu ideffsu ir-Religion biex jekirdu lid-*Dante* ghax min hu imsieheb fiha jaf tajjeb li din katt ma giet imdahhla f'xein.

Inquantu ghal Congress ta « Pallanza " ma ngheid xein, ghax già tchellem is-Segritariu taghna fil « Malta» tat-12 tax-xaghar u uera u fihem collox bla habi ta xein u bi cbira chiarezza. (8)

Intant, sur Giusè, nahseb li ma tliftx izzmien ghal xejn u inti m'intix sejjer tiċhadli il uisa fil giurnal prezius tighec ghal din in-nitfa ta ittra. Jen naf li inti cont id-decideit li fuk id-*Dante* ma thallix il min jicteb izied fil *Habib*, imma jidhirli li biex uihed icun jista jifhem seuua irid jisma iz-zeug kniepen. Xi darba ghandec thalli min jicteb favur, mhux dejjem contra Id-*Dante*.

EMMANUELE BORG P.P.

———

(1) Aħna m'aħniex li *Stampa*: imma biċċa ŭisk żgħira minnha. Għal hecc, mela, ma nŭieġbux ħlief għal dac il ftit li għedna aħna. U *ftit* tas-seŭ għedna fuk id-*Dante Alighieri*, jecc inchejjluħ mal *bombi tal mija* li sparaŭ contra taħħa, mhux biss il gażetti ta Malta, imma li stess *ġurnali liberali* tal Italja.— Is-Sur Borġ igħid haŭn li *ma bi ħsiebux jaccetta cull-ma intkal fuk id*-DANTE. Inkas dac li ntkal mir-Ragħaj ta ruħna ma bi ħsiebu jaccetta?....

(2) Min huma daŭc il għedeŭŭa? Il Cnisja? Il Gvern? Il Colonja taljana? L'avucati tal *lingŭa ingliża?*... Jecc hi il Cnisja, jigifieri li għandha ir-ragjunijet taħħa, għax il Cnisja Cattolica ma tafx ħlief tħobb; u mita tfieri ŭieħed, tagħmlu biex iddeŭŭi l'eluf l'oħra collha! Mela, jecc il Cap tal Cnisja Cattolica Maltija ŭiddeb li *min hu nisrani tajjeb aħjar ma jidħolx fid-Dante Alighieri* u li *min hu mdaħħal aħjar iħalli*, jigifieri li hemm xi *imma*; u il Cattolici tas-seŭ għandhom ibaxxu rashom bil kima collha għat-tŭiddib tar-Ragħaj ta ruħhom.— Jecc hu il Gvern il għadu tad-*Dante Alighieri* u jecc hu mgħejjun mill'*Avucati tal lingŭa ingliża*, m'hix iżjed biċċa tagħna, għax tidħol il *Politca* li il *Ħabib* dejjem iżomm-ruħu bgħid minnha. Biss ngħidu lis-Sur Borġ li aħna katt ma conna *Avucati tal lingŭa ingliża contra il lingŭa taljana*, anzi ħdimna għomorna collu għal din tal aħħar u nibkgħu naħdmu sa-chemm naraŭha stmata chif imissha.—Il *Colonja taljana*, fl'aħħar nett, ma għamletx għad-*Dante Alighieri* għax tibgħodha: id-demm ma isirx semm, igħid il Malti: imma għamlet għaliha għax dehrilha li indaħlitilha fil ftietak taħħa. Ġlied tal aħŭa ! Xita fis-sajf !

(3) Għandna pjacir li id-*Dante Alighieri* tħoss ruħha *superjuri għall'attacchi*, għax *sostenuta min nies bla tebgħa* u li *jiddefenduha bid-dieher*. Imma niftehmu seŭŭa: l'eŭŭel nett, fl'ittra ta Monsinjur Vigarju ma chienx hemm *attacc*, iżda *parir tajjeb* li tâna *Missierna;* tarġa, aħna katt ma ħlomna li *daŭc li jixtieku igħakkdu il Malta mal Italja* huma *nies imtebbgħa*; anzi, nistkarru ucoll li hemm *mażuni cbar li ħadd ma jista' igħid akkal minn isimhom* (u daŭn, f'pajjiżhom, huma patrijotti mill'akŭa!); u, fuk collox, id-*Dante Alighieri*, f'pajjiżha, ma għandhiex bżonn min *jiddifendiha*, la *bid-dieher* u inkas *bil moħbi*: imma, in qŭantu għal haŭn, infaccru biss li il *Corriere della Sicilia* sejjħilha *succursale diretta delle loggie (fergħa ħierġa mil mażunerija)*; u inkas il *Corriere della sera*, li hu *l'akŭa ŭieħed fost il ġurnali* LIBERALI *tal Italja*, ma hu tant innamrat minnha!

(4) Aħna diġà għedna, il gimgħa l'oħra, li l'*Imsieħbin fid*-DANTE TA MALTA *huma qŭasi collha Cattolici.* Imma fid-*Dante ta Malta*, biex niftehmu! U *qŭasi*, għax ma nafuhomx sal inkas ŭieħed !

(5) Li id-*Dante Alighieri* (tal Italja) *tipprofessa idejjet massonici* ma għednieħx aħna: kaluħ li stess Taljani u kaluħ *bid-dieher!*

(6) Jecc haŭn Malta titŭakkaf Xirca għat-*Tutela continua tal unicu monument taċ-civiltà tagħna li bakgħalna, cioè il Lingŭa Taljana*, aħna nidħlu fiha minn tal eŭŭel, chif dejjem dħalna f'cull Xirca hecc, u chif għadna mdaħħlin fil *Comitato pro lingua*

*italiana*, flimchien mal Avucat Oreste Grech Mifsud, ma Monsinjur Panzavecchia, mal Commendatur Lanzon, ma Monsinjur Dun Paŭl Galea, mal Avucat Gjuseppi Mizzi, mat-Tabib Tabone u ma bosta *patrijotti maltin* oħra: imma, jecc titŭakkaf dic ix-Xirca, incunu nixtiekuha jisimha *Torquato Tasso*, jeŭ *Alessandro Manzoni*, jeŭ *Cesare Cantù*. Ftehemna ?.... Mhux għax l'isem ta *Dante Alighieri*, onur tal Italja u tad-dinja, ma għandniex għalih kima cbira: imma għax nixtieku, f'*Xirca Maltija għad-difisa tal lingŭa taljana*, isem ġdid, isem virġni, isem magħżul għalina!

(7) Is Sur Borġ scappatlu ŭaħda ħoxna: chitbilna: *Ir-Religjon, jifhimha cull-ħadd, ma għandhiex tidħol, għax din ft-tŭissijet tas-Società m'hi imsemmija bl'ebda mód*...Dan hu il ħażin! F'cull *Xirca ta Cattolici*, hu x'in hu il fini taħħa, ir-Religjon għandha tidħol dejjem, għax collox irid isir fl'isem t'Alla u bil għajnuna tiegħu! Hecc sejjra il moda, f'daŭc il pajjiżi li ir-Religjon ma iridux jafu biha, mhux *igħidu contra taħħa*, iżda *ma isemmuha xejn*! Aħna ma rridux ngħidu li is-*Società Dante Alighieri* (ta Malta) taħsibha hecc: anzi, billi nafu li fiha nies cattolici mill'aħjar, nissoponu li inkas għadda dan il ħsieb minn ras min chiteb it-*Tŭissijet tas-Società*: imma chien icun ŭisk aħjar chiecu it-*Tŭissijet tas-Società* chienu jibdeŭ bis-sejħa tal *Isem Imkaddes t'Alla*. Dante Alighieri, il *Poeta Divin*, ma chienx jieħu fastidju!

(8) Seŭŭa għamel is-Sur Borġ li *ma kâl xejn fuk il Cungress ta Pallanza*, għax hemm inchixfu il għaŭar collha: imm'aħna diġà għedna li fil *Habib* ma rridux nafu b'*Pulitca* u inħalluħ jifraħ b'dac li chiteb is-*Segretarju taħħom* fil *Malta* tat-12 ta dan ix-xahar, għad li ma għandu x'jaksam xejn mal qŭistjoni tagħna Dic biċċa ta bejnhom u bejn il Colonja taljana, li għalina u la tfuħ u inkas tinten!....

## Il Pregiudizzi contra il Kassisin.

*(Jissocta mal għadd 82).*

It-tielet pregiudizzju. Il kassisin ma jagħmlu xejn mingħajr ħlas: jaħdmu ftit u jitħallsu tajjeb. F'dan il pregiudizzju hemm insalata ta calunji, ta esagerazzjonijet, ta maldicenzi u ta satiri mingħajr gost. Ħalli naraŭ. Il kassisin mingħajr ħlas ma jagħmlu xejn...... Għiduli min ikararcom, min ippriedcalcom, min iżurcom mita tcunu morda, min igibilcom is-Santisssimu Vjatcu? Il kassisin.... U intom xi tħallsu għal daŭn is-servizzi magħmula mil kassisin? Inkas ħabba.... U, imbagħad, għandcom il ħila tgħidu li il kassisin ma jagħmlu xejn mingħajr flûs!... Imma, xi ħadd igħidli, għal xi funzjonijiet jitħallsu. U dan hu veru; iżda jecc jitħallsu biss għal xi funzjonijet u jagħmlu bosta oħrajn b'xejn, għaliex intom tgħidu li ma jagħmlu xejn mingħajr ħlas? Irragjuni tiddichiaracom calunjaturi; billi għal xi funzjonijet intom tħallsu xi ħaġa lil kassis, intom ma tistgħux ticcriticaŭh mingħajr ma takgħu f'ingiustizzja cbira. Min għandu iddritt igħix bil ħidma scond li stât tiegħu, ma għandux jigi iccalunjat. Għalhecc il ħaddiem jitħallas ta xogħlu minn dac li icun iccmandaħ; it-tabib jitħallas tal vîsti lill morda, l'avucat tal consulti u il comparsi mil clienti tiegħu, in-nutar tal cuntratti; u ħadd ma igħid bih dac il ħlas. Għaliex, immela, tgħidu bil kassis li jieħu xi ħaġa tal flûs għal xi għamil tal ministeru tiegħu? Hu ma igħix bl'arja biss: biex sâr kassis, chellu jagħmel spejjes cbar u studji serji għal seba' snin; u issa ma għandux igħix mil ħidma tal ministeru sagru tiegħu? Okogħdu iżnu daŭna l'osservazzjonijet, u minn fommcom ma joħroġx ictar il pregiudizzju li jiċża il kassisin ingiustament billi ixerred il fama li mingħajr ħlas ma jagħmlu xejn; minn banda, dan hu falz: mill'oħra, fih ingiustizzja li tiċħad lill kassis id-dritt li igħix bil ħidma scond li stât tiegħu.

Il kassisin jaħdmu ftit u jakalgħu ŭisk: għażlu l'isbaħ sengħa tad-dinja.

Innŭiegeb: ngħid li hua veru li il kassisin jaħdmu ftit: imma il caŭża ġejja mincom is-seculari. Agħmlu ilcoll chemm intom iddmir tagħcom fil Għid il Cbir: kerru spiss: u huma jokogħdu bil pacenzja collha għal bosta siegħat jisimghucom; u hecc jaħdmu ħafna. Għidt hecc b'discors, għax nissoponi illi intom ma tħaddmuhomx għax titbegħdu mis-Sagramenti; imma huma jaħdmu bil bosta cull jum. Għal kuddiesa iridu siegħa bejn it-tlestija, bejnha u bejn ir-rirgrazzjament: biex igħidu l'Uffizzju. siegħa oħra: tlesti priedchi, tkarar, tkarben, tieħu is-Santissimu Vjaticu, iżżur il morda u tati il pariri, huma xogħol, u xogħol li spiss jitlob siegħat sħaħ biex tagħmlu chif imiss. U għaliex, immela, jintgħad li il kassisin jaħdmu ftit?

Xi ngħidu għall klieħ taħħom? Hu certament cbir għall ħajja l'oħra; iżda żgħir għal din id-dinja; hu tant ċchejchen, li chiecu il kassisin jonfku bħat-tobba, bħall avucati, bħall professuri u xi uħud oħra, ma chienx icollhom il meħtieġ għall ħajja; għall' ebda xogħol civili hemm ħlas tant żgħir daks dac li jigi mogħti lill kassisin għall ħedma taħħom. It-taxxi tal Avucati, tat-Tobba, tan-Nutari, tal Periti u tal Procuraturi, chif ucoll is-salarji tal impiegati civili, militari u navali, anzi saħansitra il ħlasijet tassnajja u tal bdieŭa, għoleŭ scond iż-żmienijet: imma il kassisin bakgħu jitħallsu bil carlin u bir-rbiegħi, chif chienu fi żmien l'Iskof Cocco-Palmier!

Il mestier tal kassisin, hu l' isbaħ taddinja. Inħallu fil genb il chelma mestier, li ma tokgħodx lill kassisin, chif diġà għedtilcom: jena nammetti li mis-sakaf il-fuk hu tas-seŭ l'isbaħ f'nofs il mestieri, għaliex igħallmu isalva lilu in-nifsu u igħin l'oħrajn biex isalvaŭ; mis-sakaf l'isfel, hu, forsi, l'actar infelici mill' oħrajn collha, għaliex igiblu ichel magru u jagħmlu l'oggett tad-disprezz u tal maldicenza.

(*Jissocta*) Dun Pier Battista Agius,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## Dac li għandna nagħmlu!

IT-TALBA!

1. Hemm żeŭġ ħŭejjeġ li igħinu il għakda tagħna m'Alla, biex naslu għall ħajja ta dejjem— *it-Talb* u *is-Sagramenti*.

Daŭc collha li saru Kaddisin chienu jersku lejn is-Sagramenti, u bit-talb taħħom chienu igħollu ruħhom lejn Alla.

2. Il bniedem għandu missjoni sabiħa— *jitlob* u *iħobb*.—It-talb u l'imħabba jagħmlu il hena tal bniedem fuk din l'art.

3. Aħna chien jistħokkilna li ma nitolbux—imma Alla fil ħniena tiegħu ippermettielna li nitħadtu miegħu.— It-talba tagħna hi bħal incens, li Alla jilka' bl'acbar pjacir.

4. Alla ma għandux bżonn'na; jecc igagħalna nitolbu, dana Hu jagħmlu għax irid il hena tagħna, u dan il hena ma issibux ħlief fl'orazzjoni (talb). Meta Alla jarana nersku Lejħ, Hu ibaxxi kalbu lejna, bħal ma jitbaxxa missier biex jisma' l'ibnu meta dana irid ichellmu.

5. Tinseŭx, uliedi, li it-teżor tan-nisrani ma jinsabx fuk din l'art, imma fis-sema.— Għaldakstant il ħsieb tagħna għandu imur fejn jinsab dan it-teżor.

6. Fil bniedem jinsabu żeŭġ vucijet: il vuci tal Anġlu u il vuci tal Annimal. — Il vuci tal Anġlu hi l'orazzjoni u il vuci tal annimal hi.... id-dnub.

Daŭc li ma jitolbux jitbaxxeŭ lejn l'art bħalma jagħmel l'Annimal li itakkab tokba fl'art biex jistaħba fiha.— Daŭn in-nies huma mogħtija għad-dinja u ma jaħsbux ħlief fil ħŭejjeġ ta din l'art, bħal dac ix-xħiħ li meta ŭasal fl'aħħar ta ħajjtu u ircieva is-Sagramenti, ŭakt li resskulu Salib tal fidda biex ibusu, nesa collox u kâl: *Ara Curcifiss li jiżen għaxar t'eŭiek fidda*!

7. L'orazzjoni tħoll ir-ruħ mil ġisem u itellaħha fl'ajru bħalma jitilgħu fl'arju il bla-len tal arja.

8. It-talb m'hux ħaġa oħra ħlief għakda m'Alla. Meta il kalb hi sâfja u magħkuda m'Alla, hi tħoss ġeŭŭa fiha bħal balsmu, bħal ħleŭŭa li tgħaxxak, bħal daŭl li jagħmic. F'din il għakda ir-ruħ u Alla jinsabu bħal żeŭġ bicciet ta xemgħa imgħakkdin flimchien, u li ma tistax tifrakhom. Hi ħaġa sabiħa din il għakda t' Alla ma ruħ hecc miserabbli—hi felicità (hena) li ma tistax titfisser.

9. It-talb hu il consolazzjoni tal bniedem fuk din l'art! Ħaġa sabiħa hi din il għakda tar-ruħ ma Sidna Gesù Cristu!— L'eternità m'hix biż-żejjed biex tfissrilna dan il hena.

10. Fit-talb iż-żmien igħaddi hecc malajr u hecc bil pjacir li ŭieħed ma jinduna katt chif icun għadda.— U inticom prova (igħid il Curat t'Ars): " Meta cont fi Bresse (art franciża), u cont immur biex inżur il Curati morda, fit-triek cont ngħid l'orazzjoni, u iż-żmien chien igħaddi mingħajr ma naf."

11. Jinsabu erŭieħ li igħixu fl'orazzjoni bħalma il ħut igħix fl'ilma, għaliex daŭn l'erŭieħ huma collha t'Alla— kalbhom ma tinkasamx bejn Alla u id-dinja.

12. San Frangisc t'Assisi u Santa Coletta chienu jaraŭ il Sidna Gesù u chienu jitħadtu miegħu, chif aħna nitħadtu bejnietna.— Mhux bħalma nagħmlu aħna bosta drabi, li nidħlu il Cnisja mingħajr ma nafu għal fejn dħalna u x' sejjrin nitolbu.— U sa frattant meta nagħmlu xi żjara lil bnedmin nafu għal fejn morna u x' sejjrin ngħidu!

13. Issib nies li donnhom igħidu ll'Alla: "Sejjer ingħeżŭer żeŭġ chelmiet chemm chemm neħles minnec." Jiena naħseb spiss li mita niġu biex nadŭraŭ il Sidna Gesù, aħna sgur li nakalgħu il grazzi collha li nitolbu jecc nitolbu b'fidi ħajja u kalb safja. Imma.... aħna bla fidi, bla tâma, bla xeŭka u bla imħabba.

14. Uliedi, kalbcom dejka— imma l'orazzjoni tŭassaħha u iġġagħalha tħobb ll'Alla.— L'orazzjoni hi il bieb tas-Sema, daŭl tal Genna — hi katt ma tħallina mingħajr hena. Tista ixxebbaħha lill għasel li jinżel firruħ u jagħmilha ħelŭa.—In-nichet jisfa kuddiem it-talb seŭŭa u idub bħal biċċa silġ meta tkegħdha fix-xemx.

15. Chiecu fil Genna chien hemm ġurnata li fiha ma issirx Adurazzjoni, chiecu is-Sema ma chienx icun Sema iżjed — li chiecu, l'indannati għalavolja kegħdin isofru, chienu jistgħu jadoraŭ, chiecu ma chienx icun infern iżjed. — Ja ħasra! L'indannati chellhom kalb biex iħobbu ll' Alla u ilsien biex jiżżu-ħajr lilu — din chienet id-destinazioni taħħom— u issa huma iccundannati biex jisħtuħ għal chemm hi tŭila l'eternità. Li chiecu jistgħu jittamaŭ li tigi ġurnata li fiha icunu jistgħu jitolbu għal *minuta biss*, huma chienu jistenneŭ b'ħerra cbira dac il jum li fih icunu jistgħu jitfarrġu minn daŭc il pŭieni.

16. Actar ma ŭieħed jitlob actar icun irid jitlob. Bħal dic il ħuta li l'eŭŭel tgħum fil ŭiċċ tal ilma u imbgħad tieħu gost tin-

żel dejjem actar fil fond, hecc ucoll ir-ruħ actar ma titlob actar tidħol il geŭŭa fl'imħabba t'Alla, sa chemm tintilef fil għaxka tal conversazzjoni taħħa Miegħu.

17. Fit-talb iż-żmien ma għandux tmiem. Ma nafx jecc ŭakt li ŭieħed jitlob jixtiekx is-sema.—Il ħuta fix-xmara issib ruħha m'hix ħażin: imma fil baħar tcun kiegħda aħjar.

18. Meta nitolbu, għandna nifthu kalbna m'Alla, bħal ħuta li tiftaħ fommha meta tasal il meŭġa.

19. It-talb iħalli urajħ ħleŭŭa li ma bħalha, chif tħalli għenba misjura.

20. It-talb hu bħal nida tal balzmu: imma biex tħoss dan in-nida hemm bżonn li titlob b'kalb sâfja.

21. Chemm hu sabiħ it-talb! Min għandu il grazzja t'Alla m'hemmx bżonn tgħallmu chif għandu jitlob: hu jaf, u jaf ucoll il bżonnijet tiegħu.

22. Min ma jitlobx tista' ixxebbħu lit-tigieġa, li ma tista' katt ittir.—Jecc ittir ftit, taka malajr fl'art, fejn tibka titmegħred għax f'hecc issib il gost taħħa. Għal cuntrarju, in-nisrani tajjeb kisu ajcla li dejjem ittir il-fuk u tfittex dejjem li tersak lejn ix-xemx— u dan hu in-nisrani li jitlob seŭŭa, u fuk il ġŭienaħ tal orazzjoni jitla' dejjem il-fuk.

23. Hemm bżonn li in-nisrani, minn fil għodu malli ikum joffri ll'Alla kalbu, ruħu, il ħsiebijet, il cliem, il għamil, collu chemm hu, biex jisserva biss bihom għall gloria Tiegħu.—Hemm bżonn li dejjem igedded il ŭegħdiet li għamel fil magħmudija — għandu jirringrazzja l'Anġlu Custodju u jitolbu il għajnuna tiegħu, u għandu ma jinsa katt li dan l'Anġlu kiegħed dejjem magħna anche fil ħin tal mistrieħ tagħna.

24. Issib ħafna insara tajjba li għandhom id-draŭŭa tajjba li jagħmlu mal ġurnata ħafna *atti* ta imħabba t'Alla, ħafna sacrifizzi... U dan jogħġobni.

25. Ma tul il ġurnata hemm bżonn li issejjaħ fukec spiss id-Daŭl ta li Spirtu is-Santu.—Chemm u chemm għandna bżonnu biex nagħarfu il miżerja tagħna! Chemm hemm bżonn li ŭieħed jirrecita *Pater* u *Ave* għall converżjoni tal midinbin, għall'Erŭieħ tal Purgatorju... Chien hemm bżonn li aħna ngħidu spiss: *Mulejja, ħniena minni*; bħalma jagħmlu it-tfal m'ommhom: *Ma, atini chisra... atini idec... atini beŭsa.*

26. Jena naħseb spiss fil gost li ħadu l'Appostli meta raŭ irxuxtat il Sidna Gesù! Il firda ta bejniethom chienet ŭisk chiefra! Gesù chien iħobbhom tant! U Hu chien tant tŭajjeb maħħom! Ŭieħed għandu jaħseb li meta kallhom: *Il paci magħcom*, għannakhom; u hecc ucoll Hu igħannak ir-ruħ tagħna miegħu, mita igħidilna li stess tislima: *Il paci tibka magħcom.*

(Meħud mil *Massime del Beato Curato D'Ars.*)

Dr. Gustavo Busuttil.

## Ma dûarna.

Niżżu-ħajr lir-Reverendu Dun Anton Xŭereb li għoġbu jistedinna għall festa tal Eŭŭel Kuddiesa tiegħu u nifirħulu b'kalbna collha. Il festa saret San Giljan, fejn il familja tal ġdid Sacerdot tagħmel il villeġġjatura taħħa: fil għodu fil Cnisja tal Carmlitani; u fuk nofs in-nhar id-dar tiegħu.

—Il poeżija tas-Sur Arena ngibuha il gimgħa id-dieħla.

—Ŭieħed li jarfa' sicuit salibna bagħat jistaksina b'ittra tŭila għax ma faħħarna xejn il ctieb sabiħ li ħareġ fuk il *Cungress Eŭcaristicu* ir-Reverendu Patri Lettur Duminicu Azzopardi, tal Ordni tal Predicaturi. La irid jafha, ngħidulu li ma chellniex ix-xorti naraŭħ dac il ctieb. U hecc ma jaħsebx li aħna nkasna lir-Reverendu Patri Azzopardi, ħabib għażiż tagħna. Li il ctieb irnexxa sabiħ, ma nistgħux niddubitaŭ, għax nafu li il Patri Lettur Azzopardi hu Sacerdot għaref u ħaddiem: iżda ma stajniex nitchellmu fuk ctieb li ma rajnieħx b'għajnejna. U inkas naħsbu li dac ir-Reverendu ried jonkosna, għax ilna tant ħbieb, li, mita ippriedca l'eŭŭel darba bit-Taljan, chellna l'onur nippresentaŭħ lill karrejja tal gażetti b'articlu ta tifħir cbir fil *Malta*, fejn conna ħabbarnieħ, chif tas-seŭ irnexxa, b' ġuvni li chellu icun ta gieħ u żina lill'Ordni tiegħu.

—Fuk il *Festi Costantinjani* jitchellem il *Ħabbâr* tagħna.

—Il lejla, il Fratellanza taċ-Cintura tal Belt (*Santu Ŭistin*) tibda iż-żjajjar tal Ġubleŭ u tissoctahom għada fil għaxija. Il Fratelli huma mitlubin li ma jonksux: u ma tantx għandhom bżonn min jitlobhom, għax, f'cull Processjoni, jatu l'aħjar eżempju.

—Il Banchier Cesare Bornaccini jati kabel il flus tat-*Titoli* bil premi tal Panama, ta Hangurian Foncier, tal Congo u oħrajn, chif ucoll fuk *Titoli* oħra. Iħallas il *Cupuni* magħluka u sejjrin igħalku, isarraf cull flus ta Barra, jati Cecchijet fuk l'Italja, Parigi u Londra. Iħallas ucoll *Tituli* magħluka. Jivverifica it-*Tituli* bil premji tal Estrazzjonijet l'icunu saru. Imexxi cull xogħol ta flus mad-dinja collha.—Joħroġ, fl'aħħar nett, il gażetta *Finanziere*, li m'haŭnx ħlief ħa Malta fuk daŭn il ħŭejjeġ u li iggib l'Estrazzjonijet tat-Titoli bil premi. Biex tissieħeb fiha ma tħallasx ħlief tmintax irbiegħi fis-sena.

## Minn gimgħa għal oħra.

*11 ta Settembru.* Ilbieraħ, fil Cnisja ta Giesu, il belt, saret l'Accademja mħabbra mil Programm tal Festi Costantinjani. Barra mil Iskof li ippresieda, u l'Aŭsiljarju tiegħu, chien hemm l'aħjar u l'akŭa nies, imma l'actar kassisin u patrijet, li qŭasi ntliet in-navata tan-nofs. Itcanta innu, li inghoġob ħafna. Il cliem u'l musica chitibhom Patri Scio, gisŭita, li jafu collħadd għall ħila u'l ħeġġa cbira li ŭera dejjem fiż-żmien tŭil li ilu haŭn Malta. Kabel u ŭara l' innu saru chemm il taħdita u poesiji bil Latin, bit-Talian, bl'Inglis u bil Francis. L'oraturi u'l poeti, magħżulin minn kalb l'aħjar ta Malta u Għaŭdex, huma magħrufin biż-żejjed u't-tifħir tagħna, floc li iżidilhom, inakksilhom, għax il ħila tagħhom hija akŭa minn cliemna. Biss x'uħud minnhom taŭlu iż-żejjed; x'actarx li ma chienux jafu b'ta ŭarajhom meta chitbu id-discorsi tagħhom. Li daŭn chienu inkas u oksor, u li l'Accademja chienet imżeŭka bi bcejjeċ oħra żgħar ta cant u ta musica magħmulin għaċ-circostanza, u jecc ma issibx haŭn iggib minn barra, l'Accademja chienet toħroġ aħjar u'l Cumitat chien actar ibierec ix-xogħol u't-taħbit li sŭietlu. U ngħiduha chif nħossuha, xi surmastrijet, bħalma huma Vassallo u Diacono, u li *Scola Cantorum* ta San Ġiacbu, li hi l'aħjar biex ma ngħidux li hi ŭeħida f'Malta, katt ma conna nistenneŭ li ma idaħħluhomx fl'Accademia. Festi bħal daŭn huma ta collħadd u'l partit iħassar jista biss, għax tonkos l'għajnuna tal oħrajn. Il Cungress Eŭcaristicu, li fih conna kalb u ruħ ŭaħda, ŭira chemm tisŭa l'għakda ta bejnietna.

*14 ta Settembru*—Ŭara nofs in-nhar saret il belt Purcissjoni gŭappa, li għalket il Festi Costantinjani. Hadu sehem il *Boy's Brigade* tas-Salesiani u xriechi oħra bil bnadar tagħhom, il biċċa il cbira tal Fratellanzi tal belt u tnejn jeŭ tlieta min-naħa l'oħra, il Patrijet tal Ordnijet collha, il Cappillani, daks nofshom, u'l Capituli tal Isla, ta Bormla u tan-Nadur. Icconduċa l'Iskof ta Għaŭdex mdaŭŭar bil Capitlu ta San Paŭl. Il belt chienet ghegŭigija ŭaħda; il Laneċ, it-Tram u'l Ferrovija ma felħux iġorru nies iżjed, għad li chienet ġurnata tal acbar għomma. U chien hemm tasseŭ l'għaliex ŭieħed imur maŭra sa'l belt. Purcissjoni bħal dic mux la chemm narġgħu naraŭ. Sabiħa, tŭila u fuk collox chif tridha il Cnisja, bla blugħat u bla ħmerijet, imma chif jixrak lil ħŭejjeġ għeżież u mkaddsa. Harget għal ħabta tal erbgħa u kabel l'*Avemarija* chienet daħlet. Coss meta irridu nafu nagħmlu il ħŭejjeġ seŭŭa u ngħarfu ħaġa mil oħra! Oh! li chien dejjem hecc, chemm kima actar natu lil Alla u lil Kaddisin u ma natux il lala lil barranin li jitcasaŭ u jiddieħcu bina u jgħaddu il Purcissjonijet tagħna bi *rvellijet*, chif chien għamel xi sentejn ilu ŭieħed inglis fuk il *Graphic*. Aħna ħadna għaliħ, imma minn geŭŭa tajnih ragjun u bdejna ndaħħluha f'rasna li għandna inneħħu xi ħŭejjeġ mil Purcissjonijet, l'actar tat-Titulari, li ma jakblu xejn u la mgħar-Religjon u ta maċ-Civiltà.

—L'eŭŭel tax-xahar id-dieħel jiftaħ is-Seminarju u l'għada jibdeŭ l'ischejjel.

*15 ta Settembru.* Da'l għodu Censu Caruana, żagħżugħ ta 25 sena, minn Hal Axak, gie iccundannat erbgħin *lira multa*, talli katel, għad li mux għax ried, lil martu Felicita. Il biċċa chienet hecc. Lejla ŭaħda, chien l'eŭŭel ta Mejju ta di's-sena, Censu għal ħabta tad-disgħa ngħabar id-dar u talab lil mara biex tkajjmu cmieni l'għada. Ma chienetx chelma, il mara siblet għaliħ u bdiet tigħdlu collma jigiha f'ħalkha. Censu tilef is-sabar u, biex ihedded u irakkad ftit lil mara, kabad l' isxcubetta u għamel ta bir-ruħu sejjer jiġbdilha. Ix-xitan m'għandux ħalib u Censu chellu jagħli dic il-lejla bla ma chien jistenna. Dic il ħalja ta xcubetta nzertat iccargata u chellha il grillu laxc. Censu f' dic il herra laktu b'subgħajh u l'ixcubetta ħadet. It-tir ħadha f' genbha lil Felicita, u din nstabtet mejjta mgħal art. Bl'armi igħidu katt la tilgħab, u aħna nzidu: « Istabar biex Alla isabbrec. »

—Dac li chien serak lil vara taċ-Cintura ta Hal Kormi inkabad nhar is-sibt li għadda. Seŭŭa igħidu li "ħatbu ħarku il boscu", għax il ħalliel hu minn Hal Kormi. Sabulu brazzuletta u xi dehbijet oħra milli chien serak, imma il biċċa il cbira actarx li laħak deŭŭibhom. Eħ, id-dnub ma jorkodx!

*16 ta Settembru.* Ilbieraħ l'Iskof bierec l'iscola għal bniet fkar tal Marsa. Naktgħu li kamet chemxa flus seŭŭa, għax barra mil ġmiel u mil ŭisa fiha collma titlob is-saħħa ta tfal kegħdin magħlukin ġo scola. Dan l'istitut ġdid, li icunu jagħmlu minnu is-Sorijet tal Kalb ta Gesù, tal Hamrun, li jafhom collħadd bl'isem ta Sorijet *ta Nuzzu*, bnietu il Marchisa Annetta Bugeja. Di's-Sinjura, li ma tagħmilx għajb lir-ragel tagħha, il Marchis Censu Bugeja, dac li bena' il Conservatorju tal Hamrun, ma tgħejja katt tagħmel il gid; nfaccru, fost l'opri l'oħra li għamlet, il Parroċċa bil Cunvent ta San Paŭl il Baħar, li bniethom hi ucoll. Isimha flimchien magħ dac ta żeŭgħa jibka' jissemma' għal kalb tal ħniena u acbar mil flus li Alla bagħtilhom.

*17 ta Settembru.* Ma idumx ma jibdeŭ l'Inghieret ix-xogħlijet għal isptar, li sejrin jieħduh hemm. In-nefka tcun magħ dŭar l'għaxar telef lira, u għandu isir collu geŭŭa sena.

*18 ta Settembru.* Il Gvern jgħarraf, għal finijet tal ligi, li Kherson millum hu miżmum bħala post li fiħ il colera.

Il Habbâr.

Mil Lucerna tal Hajja. — 74. Icun ta kalb ŭmli u ħelŭa min irid iressak l'erŭieħ fi ħdan Gesù.

## IL VESSUVJU.

(*Jakbad fuk il ghadd* 81)

F'ũaħda minn daũn il ħabtiet tal biża, in-nies collha ta daũc li nħaũi mũerũerin, ingemgħu fuk il mgħodija tal Madalena u hemm kuddiem ix-xbiħa tal Kaddis Gennaru, jibcu u jitolbu ħniena, sabiex jitlob ll'Alla għalihom u jeħlishom minn dac il għaũġ; u Patri Roccu collu mixgħul b'li mħabba t'Alla u ta għajru, ũiddeb u għamel erba' chelmiet bil chif lill daũc in-nies sogħbiena, li, bħalma bakgħu igħidu, il ũied tal-lava mdeũũba ma kabiżx ix-xbiħa tal Kaddis. Haũn chien jidher li San Gennaru talab u kala' minn għand il cbir Alla il maħfra għal daũc in-nies. Dana li għedna tiaccarulna il ġrajja b'xokka maħżuża u mgħotija iż-żejt li għadha tidher sal-lum. Erba' snin ũara, f' Mejju 1771, chien hemm xeħta nar oħra ġmielha, dana 'l għaũġ jinsab imfaccar f' ħażż ieħor imżeũũak b'ħafna lũien fejn tistgħu taraũ seũũa li in-naħa tax-xellug jidher id-dejr (cunvent) tar-rhieb ħafjin ta li mkaddes Ũistin, li jigi ħdejn Resina, u f' nofs it-triek għaddej ũied lava collu duħħan. Bejn din u dic it-tefgħa cbira ta' l 1779, ġraũ bosta ħũejjeġ ta min jiftacarhom, li ureũ li ma chienetx fil bogħod dic il ħsara tal biża u tal bichi li nicctet u dejjket innies fis-sena 1794.

Isimgħu il Professur De Bottis x'igħid fir-*Ragionamento*, ũaħda mil ũerkat ta Napli ta dac iż-żmien, u li fiha jurina ucoll erba' xbiħiet sbieħ ferm: « Tfiegħ ta nar u ġamar ieħor li beda jitfa il Vessuvju fid-29 ta Lulju u li baka' sal 15 t'Aũũissu ta'l 1779. » Iżda b'hecc ma rridux ngħidu li dan ifisser li din il ħsara chienet icbar mill'oħrajn, lè, iżda biss ũaslitilna iżjed seũũa u bil bosta aħjar mill'oħrajn, chif titlob issengħa ta li stampa; ma dana collu il ġrajja ta Ġunju 1794—chif insibu fil ctieb tal Baretta—chellu bosta... ritratti sbieħ, iżda mingħajr il.... mâgna tar-ritratt. Fil 15 ta Ġunju ta dic is-sena, imsieħba bi tfakkiegħ u ħsejjes cbar kabel, tar mas-sħab it-tarf tal mirżuk tan-nofs, u baka' imkaċċat u niekes minn 397 pied; il mirżuk inkasam in-naħa tal Grigal u in-naħa tal Punent, u għelgul lava niżel l'eũũel lejn il-lbiċ, imbgħad gibed lejn il punent, billi ħabat mal Borġ (Torre) tal Grieg u infirex b'saħħa cbira ġo'l baħar għal 328 pied! Biex tgħakad seũũa u tiżdied il ħsara, għamlet mill' 20 ta Ġunju sas-6 ta Lulju, xita bil kliel li għarrket l'artijet ta Somma, Ottajana u ta Boscu. Chif igħid Brejslak, il gozz tal-lava li ħareġ fl' 1794 minn dic il belliegħa, chien ta 685 miljun pied cubu!!!....

Bħalma dari, ũara dana ix-xogħol collu, giè fuk il Vessuvju żmien il mistrieħ, għalchemm chien ucoll jitħarrec xi ftit, iżda ma għandniex ninseũ li mis-sena 1631 dejjem għadna fir-raba żmien tal ġrajja, li fihom kassamna il ħajja tal Vessuvju, ma tũl daũn l'iżmna għandcom tcunu tafu li il mistrieħ tiegħu chien dejjem kasir. Ara chemm hu hecc li fis-sena 1795, u iżjed f' Jannar 1799, u f'Settembru 1802, insibu li di'l għolja tan-nar reġgħet bdiet tiċċaklak, u fil 15 t'Ottubru 1805 tefgħet salt lava bil chif li ħareġ minn dic il ħofra għan-naħa ta Borġ-il-Grieg. Actar ma bida igħaddi iż-żmien, iżjed beda iũaddab nar kaũũi, l' actar fl' 1822, u tefgħa oħra ġmielha ucoll saret f'Aũũissu 1835, u oħrajn mhux tal għacs insibu ucoll f'l 1839, u fi Frar 1850; iżda diċ-ċaklika bakgħet ticber dejjem, u ũara dic it-tefgħa ħafifa tal 1855 naslu għall'oħrajn ũisk kaũũija u ħorox tal 1861 u tal 1868, sachemm di 'l mixja hecc tũila turina li se'r tasal biex tati tmiem u tgħalak il ġrajja cbira tagħha b'dic ix-xeħta nar tal 1872.... Iżda iż-żmien għadu ma ũasalx!

(*Jissocta*) GIUSEPPE MICALLEF GOGGI.

## Minn Tasmanja:—

Din l'ittra giet lil ũieħed ħabib tagħna, ġuvni mill'actar educati u impiegat tajjeb ferm:—

Rosebery Station
Tasmania
30th July 13.

Ghazis Signur,

Nirrispondi l'ittra li ghoġboc tibghatli u anche il *Habib*; jena hsibt li ahiar nictiblec bil Malti u incun nista nispiegalech collox ciar. L'euueluett nirringrazziach mil fond ta kalbi ta l'ittra u anche tal *Habib*. Inti sakseitni jecc hux veru li ippublicau li ahna il Maltin boijod daks il giliu u onesti, iva veru verissimu li chien ippublicat fuk il *Herald*: ghandi inghaidlec li ħabib min Malta chien bghatli il "*Chronicle Special Number of the Eucharistic Congress* u jena mita irceveita hatt piacir uisk u uara li kraita bghatta fdaun il Postijet li haun taht imsemmia: Hobart, Zeehan, Linda, Queenstown, Burnie, Roseberry, Williamsford, u Renison Bell: daun il Postijet colla raitom u ghandi il hbieb inglisi u bdeit nibghata lil uiehed u nghaidlu iargia iturnagha ech chif jakragha. Ma nistax infissirrlech ir-ringrazziamenti li irringrazziauni mita turnaugha lura, specialment l'ictar mil Insara inglisi, ghaliex issa jafu chif aħna u min fein ahna imnisslin, li ahna civilizzati, u l'ictar li kaluli li l'ebda nazion ma haun tosserva ir-Religjon daksna il Maltin. Inquantu ghaxxghol, issa infetħet biccia xghol cbira bein Sydney u Melbourne u hemm hafna Maltin hemm, u cul min kieghed imur ikabduh; xghol nizzichair l'Alla haun ħafna ghal min ma huiex ghazzien; jena naf nies li geu mighei u bdeu ix-xghol ech chif uaslu u ma ghandomx x' jilbsu, imissom jisthu. Signur ghazis, ghandi inghaidlec, li il vizziu tal loghob ma jistax jnkata, u assolutament dan hua il mottiv li l'inglisi isiru jiobghodu lilna Maltin; jecc uieħed iuissi lil ieħor, bil chem chem ma iriċ jahbat ghalieh u jghaidlu ilhak l'affari tighac; dac li hua serk sissa haun ghadu ma nibetċ u inkas nispera f'Alla li jinbet. Fuk il kuddies, krar u tkarbin, hann Rosebery il kassis jigi darba cul 6 gimghat, għax biex jigi irid jaghmel xi £7 speijes cul darba, ghallum bizzeijet, Signiur ghazis, u nirringrazziac tal hsieb li hatt biex tkieghed lil binti li scola u nirringrazziac tal fastidiu li seijer tiehu bigha u tibghatli il *Habib* cull gimgha; tista jecc joghgboc tab-bonani u fuk il hlas nirrangia jena ma Marti — jena ghal grazzia t'Alla ninsab kauui shih u cuntent u ghadni impiegat ma l'istess Cumpania fl'ufficiu; il paga tighai ghada 10s. culium sissa, ghadom ma zidunix: il Manager Mr. Evans mar bil *leave* l'Inghilterra ghal 6 xhur: nispera li tinsab kauui shih phal ma thalli lili.

G. M. FRENDO.

## Xirca ta Maria Santissima

taħt it-titlu tal
MADONNA TAL ĦLAS
għall
CONVERSJONI TAL INGHILTERRA.
*Tũissija.*

Il mictubin collha f'din ix-Xirca, huma mitlubin li fl'24 ta Settembru, *Festa tal Madonna tal Ħlas* u *Titular tax-Xirca tagħna*, jagħmlu tkarbina biex jirbħu l'Indulgenza Plenarja.

Fis-17 ta Settembru, 1913.

SAC. ANTONIO GAFFIERO,
Direttur.

———

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Il ġurnali igħidu li id-Duca ta Connaught icun magħżul Vice-Re tal Irlanda, mita lil din tigi mgħotija il *Home Rule*, jigifieri lilha jintgħatha Parlament għaliha, sabiex tiggverna-ruħha minnha in-nifsha: iżda kabel ma jiġri dan, xenata u takbid cbir icun hemma, u forsi ucoll tixrid ta demm, specjalment fil belt ta Ulster (Irlanda), għaliex in-nies taħha iridu icunu gvernati biss mil Parlament tal Inghilterra.

Jintgħad ucoll li il Princep Arturu ta Connaught bin id-Duca, icun magħżul minn f'lôcu bħala Gvernatur fil Canada.

—*Gżejjer li għabu*—Il Captan Trask, tal vapur American *Linoma*, għarraf li il gżejjer *Falcon* u *Tama*, fil Pacificu, għabu.—Ũaħda minnhom, il Falcon, chienet fegget mil baħar fl'1885.—Chienu gżejjer bil bosta żgħar bi ftit nies, u xi ħadd igħid li ankas chienu abitati.

*Turchija*—Ftit ġranet ilu ũasal fi Smirni l' incrucjatur torc *Hamidieh*, li is-sena li għaddiet, ma tûl il gũerra bejn it-Turchija u li Stati tal Balcani, għadda bosta ġranet fil pôrt tagħna, sabiex jaħrab li flotta griega.—Chellu lakgħa cbira, u il Captan Ravuf Bey faħħar bil bosta lil Maltin u lil Fizzjali ingliżi, jitma li ma idumx ma icun jista' jigi darb'oħra f'Malta u jiżżi-ħajr lil cullħadd....

*Italja*—Il Għarab tat-Tripulitanja raġgħu stenbħu.— Huma għamlu in-nar fuk *carovana* (ġliba) bejn Ghermines u Soluk: innies telku l'iġmla u it-tgħabija u ħarbu. Hecc ucoll għamlu in-nar fuk cumpanija ta Suldati taljani li chienu jindocraũ in-nies li chienu jagħmlu triek f'Għajn Ħâra. Għalchemm ħarbuhom, ũara li leħku suldati oħra, it-Taljani chellhom sitta feruti. Hecc ucoll fil ũakt li it-Taljani, taħt il cmand tal General Torelli, chienu iridu icheċċu il Għarab minn Gsur, li tinsab bejn Benghasi u Derna, daũna ħarġu fukhom minn geũũa bosc u ma ħelsux minnhom ħlief mita ũaslu rinforzi: iżda it-Taljani tilfu il General Torelli li baka' mejjet; chif ucoll mietu żeũġ Fizziali u tliet suldati. Bakgħu feruti tmintax il Fizzial u sebgħin Suldat. Jingħad li il Għarab tilfu bil bosta.

*Disgrazzja* — Certu Lounz, ũaka mil għôli ta elf pied u baka mejjet.—F'gimgħa, fil Germanja, chien hemm 33 disgrazzja mil-l'areoplani.

L. M. C. G.

FRAC TAD-DEHEB.

Mita il ġmiel u is-saħħa imorru, jista' jibka' id-dehen.

---

Itolbu għall mistrieħ tar-ruħ għażiża ta
CARMELU FARRUGIA,
li, mfarraġ bil għodda t'Alla, miet il Birgu, fis-17 ta dan ix-xahar, ta 36 sena.

Chien tifel kaddis, mera taż-żgħażaħ tajjba.

Natu il għomor lil ħuħ, il Patri Majjistru Nicola Farrugia,tal Agustinjani,ħabib għażiż tagħna, li għadu chemm tilef ucoll il missieru: żeũġ għafsiet chiefra: imma il għerf cbir tal Majjistru Farrugia m'hux minn ta daũc li fil għaũġ jaktgħu jeshom mn'Alla. Għaliħ, biex jissabbar, biż-żejjed itenni *Statutum est omnibus hominibus semel mori.... Opera illorum sequuntur illos.*

---

MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.
MONOVERB
(6)

**N100A**

S.S.

It-tũiegiba tal aħħar *Mistoksija* chienet:—
Is-Sur.

Ma tàx tifsira taħħa ħlief is-Sur P. G Frendo, mil Belt.